# Xeltrijiet fil-Ħamrun fi żmien il-Gwerra (1939-45)

*mit-tifkiriet ta' Angelo Dougall*

**Għaddew** diġa qrib is-sittin sena minn meta spiċċat it-tieni gwerra dinjija fl-1945. Ħafna li għexu f'dawk iż-żminijiet koroh u li baqgħu jiftakru sewwa dawk il-jiem, qegħdin dejjem ininu u jispiċċaw minn fostna. It-tifkiriet ta' dan iż-żmien tal-gwerra u l-ġrajjiet miġbura magħhom huma ħafna differenti. Tifkiriet li jolqtu l-bejgħ u x-xiri, tifkiriet li jolqtu x-xogħol, il-ħajja ta' kuljum,



**Malta taħt attakk mill-ajru**

il-ġrajjiet speċjali, il-ħbit mill-ajru, il-konvojs, l-imwiet, eċċ. Fost dawn it-tifkiriet kollha ma nistgħux ninsew it-tifkiriet dwar kif u fejn il-poplu kien jistkenn waqt l-attakki tal-għadu.

Wieħed jistaqsi fejn kienu x-xeltrijiet li fihom missirijietna stkennu waqt l-attakki ħorox tal-Luftwaffe Ġermaniża u tar-Regia Areonautica Italiana fuqna mill-ajru. M'inhix ser insemmi fejn kienu kollha għax lanqas fl-Arkivji Nazzjonali ma jinstab tagħrif wisq fuqhom u fejn kienu. Lanqas ser nidħol f'wisq dettalji dwarhom. Wieħed li f'dak iż-żmien kien żgħir fl-eta', ma kienx jissogra wisq li jitbiegħed mill-inħawi li jkun jaf sewwa u fejn seta' jsib dawn il-postijiet ta' kenn f'każ ta' bżonn.

Uħud minn dawn ix-xeltrijiet kienu maqtugħin fil-blat mill-ħaddiema tal-Gvern ta' dak iż-żmien, li kien il-Kunsill Amministrattiv tal-Gvernatur. Oħrajn kienu magħmula mill-privat ġod-djar, speċjalment minn dawk li ma kinux iridu jitħalltu man-nies komuni u għalhekk kienu jridu l-kenn għal rashom lil hinn mill-iffullar u r-rassa ta' għadd ta' nies bin-nifsijiet kollha tagħhom, f'lok magħluq għal ħinijiet twal, b'nuqqas ta' arja pura! Aktar u aktar meta beda jitfaċċa mard ikkaġunat minn nuqqas ta' ikel, nuqqas ta' vitamini u nuqqas ta' mistrieħ. Kien mard bħall-Ħakk *(scabies)*, u teħid tal-baqq jew qamel.

Għall-bidu li jiena u l-familja tiegħi ġejna noqgħodu l-Ħamrun bħala refuġjati, fi Triq San Tumas, kien hemm fil-qrib tip ta' xelter li kien jissejjaħ *caterpillar*. Dan kien fl-egħlieqi; dik il-ħabta dawn l-inħawi ma kinux kollha mibnija u kien għad baqa' xi raba'. Kien in-naħa ta' wara Triq San Tumas u qrib Sqaq il-Qasab. Fih kienu jmorru jistkennu n-nies ta' dawk l-inħawi. Xi wħud minnhom kienu ta' klassi baxxa u għalhekk ma kinux imorru wisq nies fih.

Dan it-tip ta' xelter kien ikun bħal trunċiera mħaffra fil-ħamrija (jew blat) fonda daqs nofs bniedem u fuqha tinbena forma ta' kamra baxxa u tawwalija, b'ħitan ħoxnin ta' ġebel u fuq is-saqaf kien jitpoġġa ħafna ġebel. Id-dħul għal dan ix-xelter kien minn bieb dejjaq fuq kull tarf tiegħu, li minnu kemm kemm jgħaddi bniedem. Dan it-tip ta' xelter ma kien xejn komdu. Kien biss kemm bniedem jistkenn fih bil-wieqfa qisu f'qabar!

F'dik it-triq (Triq San Tumas), xi żewġ bibien 'il fuq minna, kien hemm mara twajba, Ġużeppa, li



**Il-knisja tal-Marsa - milquta! Kemm hi l-bogħod minn Triq San Tumas fil-Ħamrun?**



**Lampa tal-pitrolju tal-metall**



**Miċċu magħmul minn bott tal-polish tal-John Bull**



**Miċċu magħmul minn bott żgħir tal-kunserva**



**Il-bank**

**Ħwejjeġ mill-aktar komuni li għall-antenati tagħna kienu ta' utilita' kbira waqt il-ħin li kien ikollhom jgħaddu maqfula fix-xelters jistkennu mill-attakki tal-għadu. (disinni ta' l-awtur)**

kellha xelter privat imħaffer ġol-bir tagħha fil-bitħa, u li kien imbattal. Kellu taraġ wieqaf għalih f'forma ta' garigor. Kienet qaltilna biex naqsmu magħha dak ix-xelter minħabba li ma xtaqitx titħallat ma' nies li ma tafhomx u minħabba li xtaqet kumpanija tajba u ta' wens waqt l-attakki mill-ajru. Fil-qrib sewwa, fil-Marsa, kien hemm fortizza għal kontra l-ajruplani, il-fortizza ta' Ċejlu, fuq l-għolja tal-Ġiżwiti, fejn illum hemm il-*Power Station.* Din il-fortizza kellha kanuni qawwija ħafna li meta kienu jisparaw kienu jregħdu dawn l-inħawi.

In-nanna Tereż kienet toqgħod sewwa sewwa wara l-knisja ta' San Gejtanu faċċata ta' Triq l-Oratorju (illum Triq Dr. Tommaso Caruana Demajo). Hija kellha xelter taħt it-taraġ. Kien maħsub fil-bidu tal-gwerra li t-taraġ tad-djar hu l-aktar post b'saħħtu fid-dar għal kontra l-bombi u l-blast tagħhom. Għalhekk kien jissaħħaħ u jintrama bil-puntali ħoxnin ta' l-injam u bi twavel, u l-post jitkennen ukoll b'xi biċċiet għamara u b'saqqijiet għal kontra l-blast tal-bombi.

Taħt it-taraġ kienet tistkenn il-familja waqt l-attakki, b'tama qawwija li d-dar ma tintlaqatx dirett b'xi bomba. Ma kienx hemm tama li taħt it-taraġ ser ikun hemm xi kenn mill-qawwa u l-ħruxija ta' bomba diretta li l-Ġermaniżi bdew jixħtu fuqna! Imma għallinqas, wieħed kien jibqa' għall-kenn ġewwa d-dar tiegħu, għalkemm fost biża' kbir. Ħafna kienu l-familji li kellhom dan it-tip ta' kenn.

## Xeltrijiet ġol-blat

Sewwa sew wara l-kor tal-Knisja ta' San Gejtanu, fi Triq San Ġwann, kien hemm xelter pubbliku li kien ġol-blat. Dan kien tħaffer mill-ħaddiema tal-gvern. Kellu bokka għalih f'dik l-istess triq u xi oħrajn, jekk niftakar sewwa, wieħed ħdejn il-bieb tas-sagristija fi Triq l-Oratorju. Kien xelter fond b'taraġ kemmxejn wieqaf biex tinżel għalih. It-taraġ kellu l-iskontri għal kontra l-blast tal-bombi.

Kien xi ftit umdu minħabba li madwaru

kellu ħafna bjar bl-ilma u li minnhom il-blat kien jixrob u jixxappap. It-taraġ kien ukoll jiżloq!

Niftakar li kien ikun mimli bin-nies u dawk in-nifsijiet kollha fl-għeluq kienu joħolqu bħal foga. Kien isir ħafna talb waqt xi ħbit, l-aktar waqt xi wieħed aħrax. Mal-ħitan tax-xelter u fl-indani tat-taraġ kellu xi niċeċ żgħar fejn kien jitqiegħed il-'miċċu' jew xi lampa, jixgħelu bil-pitolju. Kellu d-dawl elettriku li kien sikwit jinqata' minħabba l-attakki.

Niftakar li fih kien jinżel jistkenn ċertu qassis mill-Belt, Dun Robert; qassis mibni b'saffejn u twil. Minħabba t-tul li kellu, rasu kienet kważi taħbat mas-saqaf baxx tax-xelter. Kien joqgħod fl-istess triq, refuġjat mill-Belt, u kien anzjan u minħabba li kien twil kellu l-iskomdu li rasu dejjem iżommha l-isfel. In-nies kienu jagħmlulu post biex joqgħod bilqiegħda fuq il-bank twil ta' l-injam li kien hemm fix-xelter. Ġeneralment dan il-qassis kien jgħid ir-Rużarju u xi talb ieħor waqt il-ħbit.

Darba kienet ġriet ix-xniegħa li fostna kien ikun hemm xi nies infettati bil-mard tas-sider (tuberkolożi), marda li kienet tittieħed. Għalhekk kien hemm xi biża' ta' dan il-mard fost in-nies imma kuħadd kien jaf lil xulxin u min kien marid jew le.

Niftakar li darba kellna *air raid* bil-lejl u sar attakk lejn in-naħa ta' Marsamxett, fuq il-bażi tas-sottomarini. L-ajru kien kollu mdawwal b'ħafna *parachute flares* ta' dawl abjad qawwi u dawn bdew neżlin bil-mod il-mod. Kienu mitfugħin mill-ajruplani Ġermanizi biex jaraw tajjeb it-*target* tagħhom. Kienet qisha festa, xena tassew mill-isbaħ! Is-sema kollha mdawla u t-toroq madwarna ukoll b'dawn il-ħafna *flares* qishom fanali mdendlin fl-ajru. Konna ħafna li bqajna barra nissugraw għal ftit mumenti nitgħaxxqu b'dik id-dehra, li għalkemm kienet xena ta' gwerra, bdiet tfakkarna fil-murtali tal-festa. Xena tassew sabiħa f'nofs il-kruha ta' gwerra ħarxa u bombardamenti kbar! Bqajna narawhom sakemm smajna fuqna it-twerdin qawwi u l-iddajvjar ta' l-ajruplani tal-għadu. Ilkoll ħadna ġirja waħda ħalli nfittxu nidħlu nistkennu fix-xelter għas-sigurta' u l-kenn tal-blat.

Kienu mumenti qosra li jibqgħu impressjonati f'moħħok tul ħajtek kollha!



**Dwal tal-biża li fakkru fi dwal ta' festi**